# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Hubert Cini)

vs

Felix Delia

Paul Fava

Stephen Fava

Kumpilazzjoni Numru: 514/19

Illum, 7 ta' Ottubru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Felix Delia detentur tal-karta tal-identità bin-numru 3077765M, Paul Fava detentur tal-karta tal-identità bin-numru 311802L u Stephen Fava detentur tal-karta tal-identità bin-numru 251401M akkuzati talli nhar it-18 ta' Ottubru 2018, ghall-habta ta' bejn 18:00hrs., u 21:00 hrs fl-inhawi ta' bejn Dawret it-Torri u Misrah Lellux, gewwa Santa Lucija, Malta, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassru, jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg u cioè karozza Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni GGV024 proprjeta ta' F.E. Sullivan & Co. Ltd., mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2,500 u dan bi ksur tal-Artikli 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9

Il-Qorti giet mitluba biex tittratta mal-imputat Felix Delia bhala wiehed li rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defennitivi u ma jistawx jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu  9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati 325(1)(a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputati Paul u Stephen Fava jirregistraw ammissjoni tal-akkuza kif dedotta kontrihom u wkoll regghu kkonferma l-ammissjoni taghhom anke wara li nghataw zmien ragonevoli sabiex jahsbuha;

Ikkunsidrat;

Stante ammissjoni u stante li l-imputati Paul u Stephen Fava kienu ta' età tenera meta kkommettew ir-reat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannahom ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija kull wiehed li qed jigu sospizi ghal tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza, filwaqt li tiddikjara proceduri estinti fil-konfront tal-imputat Felix Delia stante l-mewt tal-istess.

Finlament spjegat fi kliem semplici lill-imputati Paul Fava u Stephen Fava r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**